

# QATT TĦARRAB ANNIMAL DOMESTIKU FL-AMBJENT SELVAĠĠ

## X'INHUMA SPEĊI MHUX NATTIVI?

Speċi mhux nattivi jew speċi ntrodotti huma speċi li jinsabu barra mill-konfini normali tad-distribuzzjoni tagħhom minħabba l-attivitajiet tal-bniedem. Dawn l-ispeċi mhux kollha huma nvażivi.

## X'INHUMA SPEĊI NVAŻIVI?

Speċi nvażivi huma dawk l-ispeċi barra mill-konfini tad-distribuzzjoni tagħhom li jħallu mpatt negattiv fuq organiżmi jew ambjenti oħra.

Speċi nvażiva hija annimal jew pjanta li tagħmel ħsara lill-ambjent wara li tkun ġiet introdotta f'dak l-ambjent mill-bniedem.

## GĦALIEX DAN HUWA MPORTANTI?

Ħafna drabi speċi ntrodotta tirriproduċi b'rata magħġġla, tant li jekk tibqa ma tiġiex ikkontrollata tispiċċa biex tiddomina ambjenti naturali sħaħ u taffettwa ħażin lill-ispeċi nattivi. F'ħafna partijiet tad-dinja lis-speċi nattivi jinsabu biss f'żoni zgħar ħafna, kultant anki f'post wieħed biss.

B'hekk l-introduzzjoni ta' speċi mhux nattivi tista twassal biex speċi nattivi jinqerdu għal kollox. L-ispeċi nattivi jilgħabu rwol kruċjali fl-ekosistemi. Għaldaqstant it-telfa ta' mqar speċi waħda tista tħarbat il-bilanċ naturali ta' ekosistemi sħaħ, bir-riskji kollha li dan jista jħalli fuq l-ambjent naturali u l-umanita'!

## X'NISTGĦU NAGĦMLU BIEX NIPPREVENU DAN?

Qatt m'għandna nħarbu annimali domestiċi fl-ambjent naturali jew barra mid-dar.

Jekk għal xi raġuni ma tistax tibqa żżomm iktar il-"pet" tiegħek, b'mod responsabbli siblu dar oħra jew kellem lil xi sid ta' "petshop".

Tista wkoll tikkomunika ma xi għaqda ta' nies interessati u titlob parir.

FRESHWATERLIFE project